KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

9 t'Awwissu 2013

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Minuti tat-Tnejn u Ghoxrin (22) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tnejn u Ghoxrin (22) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 12 t'Awwissu 2013 fit-3.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Assemblea Generali Furjaniza
10. Pjan Lokali tal-Floriana
11. Attivitajiet tal-massa gewwa l-Floriana
12. Genna ta' Gonna... u hafna aktar!
13. Tindif Pubbliku gewwa l-Floriana
14. Latrina Hdejn il-Kabb Bocci Floriana
15. Zbir ta Sigar
16. Itenerarji Organizzati mill Ministeru ghat-Turizmu.
17. Website tal-Kunsill
18. Evalwazzjoni tal-Offerti - BookBox
19. Bye Law dwar l-uzu ta` art pubblika
20. Progett ta` Taht il-Forka
21. Gnien il-Mall
22. Asfaltar u Bankini f'Balzunetta
23. Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena
24. Arblu f'nofs Pjazza Sant` Anna
25. Wifi fil-Gonna Pubblici
26. Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju
27. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tnejn u Ghoxrin (22) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris ma kienx prezenti. Hu kien skuzat minhabba ragunijiet ta' safar.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-minuti tal-wiehed u ghoxrin (21) laqgha tas-Sitt Kunsill jigu approvati fil-laqgha li jmiss minhabba li ma kienx hemm bizzejjed zmien biex dawn jinqraw. Il-Kunsill qabel.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-minuti.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kienet saret proposta sabiex isir suq kbir fuq il-Fosos matul l-attivita' tan-Notte Bianca.

3.1.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma jaqbilx ma' din il-proposta minhabba li jhoss li dan jista' jwassal sabiex il-monti jigi trasferit ghal fuq il-Fosos.

3.1.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jsibx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jkun hemm hlas soddisfacenti.

3.1.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni sabiex tintlaqa' l-proposta biex isir suq fuq il-Fosos, bil-kundizzjoni li jkun hemm hlas xieraq, li jigu ccarati diversi punti u li tali decizjoni ma jkollha l-ebda riflessjoni fuq xi propsota dwar trasferiment tal-monti, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (NH, ET)
Kontra: 2 (VB, DSH)
Astensjonijiet: 0

Ghalhekk il-Kunsill accetta il-proposta

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-materja precedenti u qal li kien hemm talba sabiex tinxteghel Triq Sant'Anna ghall-attivita'. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jilqa' t-talba u li jinformahom bil-hlas rispettiv.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li ma jinsabx kuntent bl-operat tal-Avukat tal-Kunsill minhabba li jhoss li kien qed jonqos milli jaghmel dak li jkun mitlub. Is-Sindku qal ukoll li din is-sitwazzjoni hija inaccettabli u ghalhekk ippropona li tinhareg sejha ghal konsulent legali tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li ma jinsabx kuntent bix-xoghol tal-Perit tal-Kunsill u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jibda il-procedura sabiex jittermina l-kuntratt tal-Perit prezenti. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu u qabel li ghandu jilqa' t-tieni l-iktar offerta' vantaggjuza mis-sejha ghall-offerti li kienet saret ghal servizzi ta' Perit.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li hu kien gie mahtur Membru tal-Valletta and Floriana Rehabilitation Commitee.

3.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li hi kienet giet mahtura President tal-iSkola Primarja.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li kienet inqalghet problema minhabba li hadd mill-impjegati ma seta' jidhol xoghol nhar is-Sibt li gej. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-impjegat manwali sabiex jiftah l-ufficcju nhar is-Sibt 17 t'Awwissu 2013.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall *drainage connection* fi Triq l-Argotti u nforma li milli jidher kien hemm problema u kien hemm bzonn li titranga. Il-Kunsill qabel li ghandu jkellem lir-Road Servicing.

4.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa meta kienu ser jitkomplew il-bollards fi Triq il-Miratur. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li hu kien kiteb lis-Sovrintendenza fejn gibed l-attenzjoni taghhom ghal diversi punti. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm il-bzonn li ssir laqgha maghhom sabiex ikunu jistghu imorru fuq il-post.

4.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward il-korrispondenza li ntbaghtet iktar kmieni rigward kwotazzjoni ghal bowser sabiex jahsel Pjazza Robert Samut. Is-Sindku wiegeb li dan il-bowser ser jammonta ghal €15. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-kuntrattur jigi nformat li trid tinhasel il-bankina kollha u mhux biss jintefa' l-ilma. F'kaz li jkun hemm diskrepanza fil-prezz, il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jigi nformat bid-differenza qabel ma jipprocedi.

4.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha titnaddaf il-bankina ta' faccata tal-iSkola, ta' mal-Knisja.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Ma kien hemm l-ebda Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.0 Ma kien hemm l-ebda rapporti minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Ma kien hemm l-ebda hlasijiet ta' kontijiet pendenti jew materji finanzjarji.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Assemblea Generali Furjaniza

9.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Assemblea Generali Furjaniza tinzamm nhar it-8 u d-9 ta' Novembru 2013. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

9.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni biex bhas-soltu, l-Assemblea Generali Furjaniza tigi rrekordjatha, bl-istess spiza bhal dik tas-sena l-ohra, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (NH, ET)
Kontra: 1 (DSH)
Astensjonijiet: 1 (VB)

9.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kontra din il-mozzjoni minhabba li ma thossx li ghandu jintefaq ammont sostanzjali ladarba s-sitwazzjoni finanzjarja kienet wahda prekarja.

## 10.0 Pjan Lokali tal-Floriana

10.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa min kien attenda ghal-laqgha li kienet saret rigward il-pjan lokali. Il-Kunsillier Edward Torpiano wiegeb li hu kien attenda.

10.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jipprezenta l-opinjonijiet u l-kummenti tieghu rigward il-pjan lokali u ghalhekk ippropona li l-kunsillieri jinghataw gimgha cans sabiex iressqu l-kummenti taghhom biex il-Kunsill ikun jista' jaghti l-pozizzjoni tieghu.

## 11.0 Attivitajiet tal-massa gewwa l-Floriana

11.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien intbaghat kont lill-Awtorita' tat-Turizmu ghall-armar ta' scaffolding fit-triq liema kont kien gie kkontestat mill-istess Awtorita' u ghalhekk il-kont kien gie rivedut.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li l-Kunsill kien talab laqgha rigward l-Isle of MTV tas-sena d-diehla li kienet intalbet lis-CEO tal-Awtorita' ta' Malta ghat-Turizmu. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien gie mitlub jispecifika l-punti ghad-diskussjoni u ghalhekk saqsa lill-kunsillieri jekk kienx hemm xi punti li xtaqu jressqu. Il-Kunsill qabel li l-punti l-iktar importanti kienu t-tindif, il-hmieg li tiggenera l-attivita', il-hsarat, is-sigurta' u l-impatt negattiv fuq ir-residenti.

## 12.0 Genna ta' Gonna... u hafna aktar!

12.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li din l-attivita' ssir nhar il-Hadd 20 t'Ottubru 2013. Il-Kunsill qabel.

12.2 Is-Sindku qal ukoll li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja, ser jipprova li din l-attivita' ssir bl-inqas spiza possibli fejn ser jipproponi li jigu eliminati s-security officers kollha u kull spiza zejda relatata. Il-Kunsill qabel.

12.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi taqbel li ghandha ssir l-attivita' izda sostniet li kull spiza ghandha tigi approvata b'memo interna jew matul il-laqgha tal-Kunsill.

12.4 Is-Sindku qal li hu kien diga ghamel kuntatt ma' diversi ghaqdiet sabiex jaghtu l-kontribut taghhom.

12.5 Is-Sindku qal ukoll li kien ikkuntattja lill-kumpanija tal-fun trains li kienu accettaw li jigu ghal din l-attivita'.

12.6 Is-Sindku ppropona li jitqassmu l-kotba tal-Floriana Heritage Trail kif ukoll il-kotba tal-GARDMED matul din l-attivita'. Huwa propona ukoll li bhas soltu jinbieghu il-kotba tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

## 13.0 Tindif Pubbliku gewwa l-Floriana

13.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Fosos ma kienx tnaddaf sew u li hemm bzonn li jinkines u mhux biss li jingabar il-hmieg bl-idejn.

13.2 Is-Sindku qal li ser jipproponi li jigu mmultati l-organizzaturi tal-kuncert, l-NNG Promotions.

13.3 Is-Sindku ppropona li ghandhom jigu kkuntattjati l-ghaqdiet lokali fejn il-Kunsill joffri l-hlas immultat lill-kuntrattur lil xi ghaqda li tkun tixtieq tnaddaf il-Fosos u l-parking area b'mod soddisfacenti. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbaghat cirkolari lill-ghaqdiet lokali kollha sabiex jara kemm-il ghaqda tkun interessata.

13.4 Il-Kunsillier Edward Torpiano gibed l-attenzjoni li hemm bzonn jitnaddfu l-culverts qabel ma taghmel l-ewwel maltempata.

13.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li jinsab informat li l-gandott li hemm ta' Pjazza Sir Luigi Preziosi huwa mizdud u mimli haxix hazin u ghalhekk hemm bzonn li jitnaddaf.

13.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili fakkret fil-blokka tal-konkret li kienet thalliet fl-istess triq bla dawl adegwat li setghet facilment ikkawzat accident matul il-lejl.

13.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq diversi ilmenti ricenti li kienu dahlu rigward l-indafa u ippropona li jinhargu default notices lill-kuntrattur Wilson Mifsud rigward l-ilmenti t'hawn taht, li kien ivverifika hu stess:

- Tisqija tas-soft area ta' magenb l-AGFA (Ilment 678)
- Nuqqas ta' knis fi Triq Sarria (Ilment 627, 652)
- Nuqqas ta' tindif fiz-zona ta' taht il-Forka (Ilment 571, 645, 651)
- Nuqqas ta' tindif quddiem l-Isptar Sir Paul Boffa (Ilment 601, 646)
- Nuqqas ta' knis fil-Bitha ta' Blk 2, Triq il-Fosos (ilment 624)
- Nuqqa ta' tindif hdejn il-garaxxijiet tal-Pulizija (ilmetn 570, 621)
- Nuqqas ta' tbattil tal-bins ta' Pjazza San Publju (ilment 573)
- Nuqqas ta' tindif fi Pjazza FX Fenech (ilment 582,
- Nuqqas ta' tindif fir-rampa li taghti ghal Pjazza Sir Luigi Preziosi (ilment 584)
- Nuqqas ta' knis u tbattil ta bins fi Vjal ir-Re Dwardu VII (Ilmetn 612, 615)

13.8 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland rigward il-proposta tad-default notices lill-kuntrattur Wilson Mifsud, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, ET, VB, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

13.9 Is-Sindku ppropona ukoll li kull haddiem tal-kuntrattur tat-tindif ghandu jkollhom uniformi u jigu jiffirmaw fl-ufficju tal-Kunsill.

## 14.0 Latrina Hdejn il-Kabb Bocci Floriana

14.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet f'diskussjonijiet mal-Lands Department kif ukoll mal-KMS li t-tnejn kienu qed jghidu li din il-latrina ma kinietx taqa' taht ir-responsabbilta' taghhom.

14.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet ukoll li din il-latrina kienet giet ikkundannata.

14.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li jekk din il-latrina mhux qed tintuza kien hemm bzonn li jittella' hajt u jinghalaq l-access ghaliha.

14.4 Is-Sindku qabel li ghandu jiehu din il-materja f'idejh u jikkuntattja lill-awtoritajiet hu.

## 15.0 Zbir ta' sigar

15.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien ghadu ma rnexxielux jikkuntattja lill persuna responsabbli miz-zbir tal-ELC u qal li ghandu jinformah appena jkollu twegiba.

15.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li ghandu jitlob lill-kuntrattur taz-zbir tas-sigar biex ikun jista' jaghti twegiba lir-residenti li jressqu xi ilment sabiex tinholoq interazzjoni bejn ir-residenti u min hu responsabbli miz-zbir.

15.3 Is-Sindku ppropona wkoll li ghandu jitolbu jiehu nota ta' meta jinzabru s-sigar halli jkun hemm rendikont ta' meta tkun inzabret kull sigra.

## 16.0 Itenerarji Organizzati mill Ministeru ghat-Turizmu.

16.1 Is-Sindku saqsa jekk kienux gew mistidna l-kunsilli kollha ghal dawn l-itinerarji. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-kunsilli gew mifruxa fuq granet differenti, bi progett pilota.

16.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jmur is-Sindku ghas-site visit proposta mill-Ministeru.

## 17.0 Website tal-Kunsill

17.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa ghalfejn ma kienux gew imtella' l-minuti kollha tal-Kunsill fuq il-websajt il-gdida.

17.2 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-minuti kollha tal-Kunsill kienu mtellghin kollha fuq is-site tal-kunsill tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

17.3 Is-Sindku saqsa ghalfejn ma kienx accessibli l-*online shop* tal-Kunsill fuq il-websajt. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li qatt ma kienet ittiehdet decizjoni li dan jinfetah u ghandu jkellem lill-webmaster biex jifthu jekk il-Kunsill jaqbel. Il-Kunsill qabel li l- *online shop* ghandu jinfetah.

## 18.0 Evalwazzjoni tal-Offerti – BookBox

18.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kwotazzjonijiet sottomessi kienu jaqbzu l-budget allokat mill-Kunsill.

18.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti ftit iktar cans qabel ma jiehu decizjoni rigward dan.

## 19.0 Bye Law dwar l-uzu ta` art pubblika

19.1 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-byelaw tal-Kunsill tal-Marsa, fejn indika li mhijiex l-idejali

19.2 Is-Sindku ghaldaqstant propona li terga titqajjem il-byelaw proposta dwar l-uzu tal-Fosos mal-amministrazzjoni prezenti.

19.3 Is-Sindku qal li hu kien diga talab laqgha lis-Segretarju Parlamentari Jose Herrera izda kien ghad ma kellu l-ebda risposta.

## 20.0 Progett ta` Taht il-Forka

20.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien mar ikellem lill-proprjetarju tar-ristorant li hemm taht il-Forka izda jidher li ma kienx ghad hemm iktar herqa dwar dan il-progett.

20.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat li fil-manifest elettorali, il-kunsilliera laburisti kellhom progett f'mohhhom ghal din iz-zona. Il-Kunsill qabel li din il-proposta ghandha titressaq fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

20.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien informat li kien intefa xi konkos fuq ir-rampa/slipway u kien hemm talba biex din tingiref minhabba li n-nies qed isibu diffikulta' jnizzlu d-dghajjes taghhom.

**Nota: 16:50 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

20.4 Is-Sindku ppropona li jsir railing biex l-ghawwiema jkunu jistghu jitilghu facilment. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 16:51 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

20.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jitlob lil sid ir-ristorant sabiex jigref l-islipway minhabba li precedentement kien offra li jghin.

**Nota: 16:52 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

## 21.0 Gnien il-Mall

21.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal Gnien il-Mall u qal li kien jinsab dizappuntat li ma kien sar l-ebda progress.

21.2 Is-Sindku kompla billi qal li jekk is-sitwazzjoni mhux ser titranga, hu kien ser jipproponi li tissejjah konferenza stampa.

21.3 Is-Sindku semma wkoll is-subways u l-manutenzjoni kbira li ghandhom bzonn. Huwa qal li anke rigward is-subways, ma kien qed isir l-ebda progress.

21.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mal-Ministru Leo Brincat rigward dawn l-ilmenti qabel ma jiehu decizjoniiet ulterjuri.

## 22.0 Asfaltar u Bankini f'Balzunetta

22.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li dan il-progett kien wasal biex jigi finalizzat.

22.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hemm zewg kaptelli li hemm bzonn li jigu rrangati.

22.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa meta kien ser jibda x-xoghol fuq il-main tal-ilma.

22.4 Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Asfaltar kienu nformawh li kienu ser jibdew dan ix-xoghol nhar it-Tnejn 19 t'Awwissu 2013.

## 23.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet l-Ewwel tas-Sena

23.1 Is-Sindku Nigel Holland informa li kienet saret laqgha mal-kumpanija G7, Owen Spiteri, li deher interessat jorganizza din l-attivita' fil-Floriana.

23.2 Is-Sindku nforma wkoll li kellu proposta minn habib tal-President tal-Floriana FC li qal li kien jaf min hu interessat jorganizza l-attivita'.

23.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti cans sa nofs il-gimgha biex jikkunsidra l-proposta tal-habib tal-President tal-Floriana FC.

**Nota: 17:02 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

23.4 Is-Sindku qal li kienet inzammet laqgha mal-Kummissarju tal-Pulizija rigward il-kwistjoni ta' DJS Trading Ltd. Fejn kien gie accertat li kien hemm kaz ta' misapproprjazzjoni ta' fondi.

23.5 Is-Sindku kompla billi qal li kien gie informat iktar tard mis-Supretendent Paul Vassallo li ahjar issir laqgha bejn is-Sur Alfred Caruana, il-Pulizija, il-PBS u l-Kunsill sabiex tigi diskussa l-materja.

23.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienx hemm xi progress rigward il-materja ta' Justin Attard. Is-Sindku wiegeb li l-Avukat kien mitlub jipprocedi b'mod legali fil-konfront tas-Sur Attard ladarba dan tal-ahhar ma kienx ikkopera mal-Kunsill.

23.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena u qalet li hi thoss li l-Kunsill m'ghandu johrog l-ebda flus fl-ebda proposta li tintlaqa' hlief il-fondi allokati taht l-Iskema tal-Attivitajiet Kulturali allokati lill-Kunsill.

## 24.0 Arblu f'nofs Pjazza Sant` Anna

24.1 Is-Sindku saqsa x'kien gara mill-arblu li l-Kunsill kellu fil-garage tal-Gvern. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien gie nformat li l-arblu ma kienx ghadu hemm.

24.2 Is-Sindku qal li ladarba dan ma kienx instab, dawn kellhom jaghtu l-flus tieghu lill-Kunsill.

24.3 Is-Sindku ppropona li tintalab kwotazzjoni ghal arblu bl-istess dimensjonijiet li kien hemm fuq il-bejt tal-Kunsill izda li jitwahhal fit-triq. Il-Kunsill qabel.

## 25.0 Wifi fil-Gonna Pubblici

25.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien hemm komunikazzjoni mill-MCA fejn infurmaw lill Kunsill li l-arrangament li ghazel il-kunsill m'ghadux possibli u ghalhekk il-kaxxi li kienu ser jintuzaw regghu ingabru u ttiehdu lura mill MCA

25.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li jidher li kien hemm xi diskussjonijiet ghaddejjin bejn l-MCA u d-DLG u ghandu jinforma lill-Kunsill jekk ikun informat b'xi zviluppi.

## 26.0 Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju

26.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat li kienet cemplet lil Joe Montebello rigward il-fanali ornamentali u kienet giet informatha li din il-materja kienet qed tigi diskussa u ghandu jinformaha meta jkun hemm data.

26.2 Is-Sindku qal li din il-materja kienet qed tiehu fit-tul wisq u ma jistax jifhem ghalfejn ghandu jkun hemm dan id-dewmien kollu.

## 27.0 Aġġornament tal-laqgħa

27.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 19 t'Awwissu 2013 fit-3.00pm.

Il-laqgha ntemmet fil-5.30pm.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv